TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT/76/20/S

Jefflyn Grech

vs

Liftman Malta Ltd

Illum 7 t'Ottubru, 2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Jefflyn Grech pprezentata fit-30 ta'Gunju, 2020 filwaqt li s-socjeta Liftman Malta Ltd, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda talba ghal rifuzjoni ta' ammont imhallas pero dan jirrigwarda xhur ta' wara t-terminazzjoni tal-ftehim;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba ta' Jefflyn Grech u lanqas deheret ghas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Jefflyn Grech li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti u x-xhud Jackson Law spjegaw u pprezentaw rendikont mat-talba, kif waslu ghat-talba ta' €309.74;

Illi min-naha l-ohra ebda rapprezentant tas-socjeta intimata ma deher biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tal-istess socjeta;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz u kif spjegat mir-rikorrenti, l-ammont ta' €309.74 hu gustifikat;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Jefflyn Grech u Jordna lis-socjeta Liftman Malta Ltd thallas lil Jefflyn Grech is-somma ta' €309.74. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata Liftman Malta Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru